MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ABIGAIL LOFARO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2005

Numru. 664/2001

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Gatt)
(Spettur Carmelo Magri)
vs
Mario Pollacco

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Mario Pollacco, detentur tal-karta ta' l-identita numru 217464(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fis-26 ta' Frar, 1998 u fix-xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti ukoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe' :

Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew jipprokura d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) tal-ligijiet ta' Malta lil persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna jew persuni

minghajr ma kellu licenza mill-President ta' Malta u minghajr ma kein awtorizzat mir-Regoli tal-1939 dwar Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awotrizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonjiet tas-Sitt Taqsima tal-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament Erbgha tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontrol Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap. 101 tal-ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-deposizzjonijiet tar-raba u s-sitt Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga imsemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga imsemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova lid-droga imsemmija giet fornita lilu ghall-uzu tieghu skodn ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti imsemmija u dan bi ksur tar-regolament tmienja tar-regoli ta' l-1939 dwar Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga kienet fil-pussess tieghu f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu personali esklussiv tieghu;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkommetta dawn ir-reati f'post fi, jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perimetru ta' post fejn jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi b’qerq holoq, jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirkostanzi sabiex dan il-fatt jew cirkostanzi kienu jistghu ‘il quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra, bil-hsieb li b’hekk dik il-persuna kienet tista’ tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta’ reat;

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, iddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq holoq tracci ta’ reat b’mod li setghu inbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar.

Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkaguna feriti ta’ natura hafifa fuq il-persuna ta’ Anthony Mallia mill-Belt;

U finalment talli sar recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra li tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-ordni tal-Avukat Generali tal-25 ta’ Jannar, 2000 li permezz taghha, bis-sahha tal-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), ordna li l-imputat fuq imsemmi jitressaq quddiem il-Qorti Kriminali biex iwiegeb ghall-akkuzi migjuba kontra tieghu ghall-ksur tal-provedimenti ta’ l-istess Ordinanza;

Rat il-kontro-ordni tal-Avukat Generali tal-15 ta’ Dicembru, 2003, li permezz taghha bis-sahha, tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 ta’ l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), ordna illi l-imputat fuq imsemmi jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali fuq l-akkuzi migjuba kontra tieghu bhala ksur tal-provedimenti ta’ l-istess Ordinanza u wara illi rat l-atti tal-kumpilazzjoni maghmula minn din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja kontra l-imsemmi Mario Polacco baghat lura lil din il-Qorti l-atti sabiex tiddeciedi fuq dawn l-akkuzi ai termini tal-Artikoli 110 (1) (2), 221, 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

Semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb illi ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja.

Semghet lix-xhieda kollha li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, d-dokumenti li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Rat it-trattazzjoni permezz ta' Noti illi saru mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat :

Illi irrizulta mill-provi prodotti illi fis-26 ta' Frar, 1998, ghall-habta tal-hamsa nieqes ghaxra ta' wara nofsinhar, l-imputat fuq imsemmi irrapporta l-ghassa tal-Pulizija tal-Imsida fis-sens illi meta kien ma siehbu Joe Borg fi Qrejten Street, Imsida Anthony Mallia, maghruf bhala Toni l-iswed, kien attakkah permezz ta' sikkina li kien ghamilha ma ghonqu peress illi ried jisraqlu l-gizrani tad-deheb illi kellu madwar ghonqu. L-imputat qal lill-pulizija illi l-valur ta' dawn il-gizirani kien ta' madwar mija u tmenin lira. F'dak il-hin Anthony Mallia, dejjem skond ma irrapporta lill-pulizija l-imputat, beda jghid "ha naghmilha, ha naghmilha". L-imputat qal lill-pulizija li kien qabad is-sikkina minn naha tax-xafra u b'hekk qatgha l-pala ta' idejh kif ukoll xi swaba. Irnexxielu inehhi s-sikkina minn id Mallia u Joe Borg kien qabad din s-sikkina u heles minnha. L-Ispettur Gatt xehed illi din is-sikkina kienet spiccat f' "rain water culvert" li hemm fil-vicinanza. Pollacco, u Mallia komplew jitqatlu. Umbaghad l-imputat irnexxielu jitlaq u telaq jigri 'l isfel. Mallia gera warajh u l-imputat u Mallia gew arrestati mill-Ispettur Joe Valletta u minn PS 1360 Hersey li dak il-hin kienu ghaddejjin minn Marina Street, ezattament minn quddiem l-istage ta' quddiem it-traffic lights ta' l-Imsida.

L-imputat kien irrilaxxja statement lill-pulizija, kif ghamlu ukoll Anthony Mallia, Joseph Borg u Louis Micallef. Dawn il-persuni kollha ikkonfermaw ix-xiehda taghhom quddiem

il-Magistrat tal-Ghassa li kien il-Magistrat Giovanni Grixti. Sussegwentement il-pulizija ressqu lill-imputat il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni.

Illi l-imputat fl-istqarrija li ta lill-pulizija qal illi ghall-habta tal-hamsa nieqes kwart fis-26 ta’ Frar, 1998 kien il-Winter Bar l-Imsida fejn hemm hekk iltaqa ma siehbu Joe Borg, li jghidulu iz-Zuki. Hemm hekk huwa qal lil Borg biex imur mieghu d-dar biex johorgu l-kelba tieghu. Ghamlu hekk u kienu sejrin bil-kelba lejn il-Winter Bar. Meta waslu hdejn tal-pastizzi li qieghed hdejn Deo Snack Bar Imsida, l-imputat ra lil Toni li jghidulu Toni l-Iswed gej fuqu. L-imputat qal li dak il-hin ma ralu xejn f’idejh lil Toni. Minghajr ma ried kif ra wiccu u ra il-harsa ta’ ghajnejh huwa ghamel il-pala ta’ idejh ma taht ghonqu biex jipprotegi iz-zewg gizirani tad-deheb illi ghandu. Toni gie fuqu u minghajr ma kellmu hatfu minn spallejh, dawwru b’mod li huwa gie f’posizzjoni warajh u ghamilli sikkina qisa tal-hobz u bis-snin ma ghonqu u beda jghidlu “Aghtihomli ghax ha naghmilha, aghtihomli ghax ha naghmilha”. Pollacco qal illi beda jaghmel id wahda ma idu biex ma jehodlux id-deheb u bl-ohra beda jaghmilha mas-sikkina u minhabba f’hekk qata’ subghajh. Huma bdew jissarraw u siehbu z-Zuki beda jipprova jifridhom. B’xi mod hadlu s-sikkina, Toni l-Iswed habtu mat-Transit u beda jaghtih bil-ponn u bis-sieq kullimkien u dana peress illi ried jehodlu d-deheb u huwa ma riedx jaghtihulu. Pollacco kompla jghid illi lahaq dahhal id-deheb go hobbu. Umbaghad, peress li z-Zuki beda jipprova inehhih minn fuqu, huwa irnexxielu jahrab u telaq jigri lejn il-gnien tal-Marina. Toni baqa sejjer warajh u hu baqa jigri sakemm gew il-pulizija. Hu sema lil Toni jghid lill-pulizija “Ara x’rema, ara x’rema” u skond Pollacco huwa kien rema biljett tal-karozza tal-linja. Sussegwentement, l-Ispettur Sacco staqsih jekk kienx qieghed ibiegh id-droga u hemmhekk induna illi Toni l-Iswed kien qal lill-pulizija illi hu kien qieghed ibiegh id-droga, meta dan skond hu ma kienx veru. Mistoqsi kemm il-darba kien kellem lil Toni l-Iswed qabel dan l-incident huwa qal illi qatt ma kien kellmu, jafu biss di vista ghaliex kien jarah il-Belt meta kien jahdem il-Kazin Malti u cahad li jafu fejn id-Detox. Mistoqsi ghalfejn gie fuqu meta kien ma siehbu u bil-kelba

Pollacco wiegeb li sinjal li kien iddisprat, forsi haseb li hu kien ser jibza u jaghtih id-deheb mal-ewwel. Mistoqsi jekk kienx miftiehem ma Toni illi huwa ibieghlu d-droga dakinhar, l-imputat cahad u qal illi ma kienux miftehmin u wisq anqas li kien ser ibieghlu xi droga. Huwa cahad ukoll illi ma qablux fuq bejgh u xiri ta' droga fuq differenza ta' hames liri u qal illi trid tkun mignun biex taghmel sikkina ma ghonq xi hadd ghal differenza ta' hames liri. L-imputat qal ukoll fl-istqarrija tieghu illi huwa ma ghadux jiehdu d-droga u li kien ilu xhur shah ma jmur id-Detox Centre. Mistoqsi jekk xi granet qabel kienux kellmuh il-pulizija fuq xi siringi li instabu hdejn it-targa tal-bieb tad-dar tieghu huwa wiegeb li siringi ma instabux u meta gew il-pulizija u fittxew fir-residenza tieghu ma sabu xejn. Mistoqsi qattx biegh id-droga lil haddiehor huwa qal illi dan qatt ma ghamlu, huwa kien jixtri d-droga u qatt ma biegh droga u minn meta ghamel il-programm ma ghadux jiehu droga.

Illi meta xehed quddiem il-Magistrat Giovanni Grixti, l-imputat ikkonferma l-kontenut kollu tal-istqarrija li kien ta lill-pulizija u iddikjara li n-numru tat-telephone 312162 kien jappartjeni lin-nanna tieghu. Huwa qal illi ma kellu xejn xi izid ma dak illi kien diga qal fl-istqarrija tieghu, izda umbaghad kompla biex qal illi l-gakketta ta' lewn blu li kien liebes kienet l-istess gakketta li kien biha dakinhar tal-incident. Huwa xehed quddiem il-Magistrat Grixti illi din il-gakketta kien nehhiha sa kemm kien qieghed jiddewwa l-isptar u ghal xi raguni siehbu z-Zuki qabad u ha din il-gakketta ghand ommu u sa dan it-tant ommu kienet haslet din l-gakketta peress li kienet kollha trab. Huwa xehed illi l-gakketta ghandha but fl-id in-naha tax-xellug, f'nofs l-id u ghandha wkoll zip ghal dan il-but. Huwa cahad kategorikament li kellu d-droga jew f'dan il-but jew f'xi kwalunkwe parti ohra tal-gakketta. Huwa xehed illi liebes il-gakketta peress illi kien ghadda ghaliha d-dar. Huwa cahad illi kien qal liz-Zuki biex jiehu l-gakketta tieghu d-dar u jaghti struzzjonijiet sabiex il-gakketta tinhasel.

Illi Anthony Mallia, maghruf bhala Toni l-Iswed irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fejn stqarr illi fis-26 ta' Frar, 1998 ghall-habta tal-erbgha u ghaxra ta' wara nofsinhar kien ghaddej

minn Santa Venera u kumbinazzjoni iltaqa mal-imputat u sejjahlu u staqsieh fejn kien ser jiltaqa mieghu sabiex jaqdih, jigifieri sabiex jixtri l-eroina bhas-soltu minghandu. Skond Mallia l-imputat kien qallu li kellu qadja importanti, illi kien jista jiltaqa mieghu fejn il-“bus shelter” tal-Imsida, li minnu tirkeb ghal Belt, u mhux bhas-soltu hdejn il-papri, u huma kellhom jiltaqghu hemmhekk fil-hamsa nieqes ghaxra ta’ wara nofsinhar u hu mar fil-hin ghaliex beda jitghawweg u beda ihossu “sick”. Meta wasal gie xi hadd fuqu ftit iqsar minnu maghlub bil-misluta xaharu qasira u ismar u staqsih jekk kienx Toni l-Iswed u meta qallu “iva” qallu “Mario qallek jimporta jekk is-sitt pakketti jaghmilhomlok f’wiehed halli ma idumx hawn?” U hu kien wiegeb li ma kienx jimporta u dan ir-ragel qallu “Ha nigri halli inmur nghidlu”. Mallia kompla jghid lill-pulizija li dawn is-sitt pakketti kien ser ikun fihom id-droga eroina ghall-valur ta’ sittin lira Maltin (LM 60) u dawn b’kollox forsi kien ikun hemm minn tlett kwarti ta’ gramma sa gramma fihom. Xi ghaxar minuti wara tfacca l-imputat, flimkien ma dak ir-ragel li kien ghadu kif semma fl-istqarrija tieghu u il-kelba tal-imputat. Meta waslu hdejn huwa qal lill-imputat biex jaqsam faccata fejn il-hanut tal-pastizzi li qieghed fejn it-telgha ta’ l-isptar. Hu ried imur hemmhekk biex jara x’kien ser jaghtih l-imputat halli jkunu hdejn il-bini ghax kien ir-rih biex id-droga ma ittirx. Izda l-imputat ma riedx imur ghaliex qal li kien il-hin li jghaddu hafna pulizija u fil-hanut tal-pastizzi ikun hafna pulizija tas-CID. Izda hu kompla jinsisti u l-imputat qallu “mela ma indumux ghax aktar ‘il fuq fil-hanut tad-Duka jintefghu tal-Vice Squad”. Mallia kompla jghid illi huma marru u kif waslu l-imputat staqsih ghall-flus, hareg qartas tal-foil mill-but li qieghed fil-parti ta’ fuq tal-komma tax-xellug tal-gakketta tieghu, dahal fil-karozza biex jurihulu u hu baqa barra. Izda meta qallu li kellu hames liri anqas milli suppost beda iqarras wiccu u qallu li ma kienx ser jaqdih b’hames liri inqas. Qallu “Ara minn fejn ser igib il-hames liri l-ohra”. Mallia irrabja hafna. Dak il-hin ukoll beda ihossu sick, intilef u ipprova jehodlu l-qartas bis-sahha. Dahal fuqu fil-karozza u qabad jissara mieghu biex jipprova jiftahlu jdejh, spiccaw barra, qabdu minn ghonqu bhal tar-“wrestling” u bl-id l-ohra ipprova jiftahlu idejh. Dak il-hin gie sieheb Mario minn warajh biex ifferraqhom u hekk kif ra li kien hemm tnejn fuqu Mallia

haseb li kien ser jaqla xebgha u dak il-hin giet sikkina f'idejh. Xi hadd qabadha u hadha minn idejh u f'hin minnhom ra f'idejn sieheb Mario. F'hin minnhom inqala minn ma Mario, Mario telaq jigri u hu gera warajh ghaliex iktar beda jiddispra. Grew hdejn l-istage, hdejn il-Marina u f'daqqa wahda waslu l-pulizija u arrestawhom. Mistoqsi ta' min kienet il-karozza li kien semma, wiegeb li din kienet ta' Louis mill-Belt li kien ghadu kif tah lift u qal ukoll illi meta Louis ra it-tahwid qabad u telaq lil hemm. Hu qal illi Louis ma kienx jaf illi kien mar l-Imsida biex jixtri d-droga. Mallia cahad illi ghamel is-sikkina ma ghonq l-imputat, jew li ried jisraqlu l-gizirajjen tad-deheb minn ma ghonqu. Qal illi huwa d-droga ried u mhux il-gizirani tad-deheb. Mistoqsi x'sar mid-droga, qal li f'hin minnhom raha mormija fit-triq. Mallia qal illi ilu jaf lill-imputat ghal dawn l-ahhar sentejn u sar jafu peress illi xi hadd kien introducih mieghu sabiex ikun jista jixtri d-droga minghandu. Huwa qal illi Mario gieli qdih minn fejn jahdem hu il-kazin Malti il-Belt. Mario kien ikun fil-kcina, kien igib mgharref tal-fidda biex hu ikun jista isajjar id-droga u jitfaha fis-siringa. Mallia qal illi ilu jixtri d-droga minghandu ghal tlett gimghat qabel ma irrilaxxja l-istqarrija, izda sentejn qabel kien diga jixtri minghandu. Huwa kien jixtri kulljum, gieli anke darbtejn kulljum. Kien jixtri zewg pakketti filghodu u wiehed filghaxija. Hames gimghat ilu rega' beda jiehu d-droga u kien qieghed jonfoq ghoxrin lira kulljum. Mistoqsi kif kien jikkuntattja lil Mario biex jixtri d-droga huwa wiegeb li kien icempillu d-dar ghand ommu l-Imsida u t-telephone number tal-imputat huwa miktub Bieb il-Belt mal-hajt fejn kitbu hu stess sabiex il-pulizija ma isibuhx ghandu peress illi l-imputat huwa drug pusher. Huwa qal illi fil-gurnata ta' qabel fil-hamsa u ghoxrin ta' Frar, 1998 kien xtara d-droga minghand Mario meta iltaqghu fejn il-papri l-Imsida.

Illi meta xehed quddiem il-Magistrat Giovanni Grixti Mallia ikkonferma l-istqarrija li kien irrilaxxja lill-pulizija u zied illi l-vettura li kien semma, u cioe' dik li dahal jissara fiha kienet Peugeot 205 ta' kulur Cilesti.

Illi Joseph Borg ukoll irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fis-sens illi fis-26 ta' Frar, 1998 kien mal-imputat id-dar tieghu u

ghall-habta ta’ l-erbgha l-imputat qallu li kellu jigi wiehed jismu Toni l-Iswed fejn l-istage tal-Imsida minn fejn tirkeb ghall-Belt. Huwa talbu biex imur jghid lil dan Toni li dalwaqt kien ser jigi jiltaqa mieghu u huwa hekk ghamel u mar jiltaqa ma dan ir-ragel. Mar fuq dan ir-ragel u staqsih jekk kienx Toni l-Iswed u wiegeb fl-affirmattiv u qallu biex jistenna lill-imputat. Toni l-Iswed qallu biex jghid lill-imputat ma idumx u biex jigi wahdu. Hu tela lura ghand l-imputat u qallu li kien ra lil dan ir-ragel u li kien qieghed jistennih u meta staqsa lill-imputat x’ried dan ir-ragel l-imputat qallu “umbaghad nghidlek”. Borg kompla jghid illi kien ser joqghod id-dar imma l-imputat talbu biex imur mieghu u marru bil-miexi fejn dan Toni u x’hin waslu madwar ghoxrin pied ‘il boghod Toni qallu biex jibqa fejn kien u hu hekk ghamel. Ra lil Toni u lill-imputat jaqsmu t-triq lejn it-telgha ta’ l-isptar San Luqa u hu mar warajhom. Kif wasal fejn il-kantuniera fejn tikser tal-linja Toni rega’ qallu biex jibqa hemm hekk u hu waqaf. Toni u l-imputat komplew telghin, daru u ma rahomx izjed. Ftit anqas minn minuta wara tela’ minn fejn kienu telghu huma u ra lil Toni u lill-imputat jissarraw hdejn il-vettura ta’ lewn cilesti. Donnu Toni ried iddahhal lill-imputat fil-karozza u l-imputat ma riedx jidhol fiha. Toni beda jghid “Tieghili, tieghili” kemm il-darba u l-imputat beda jghidlu “Hallini, hallini” u mar minn wara Toni u ipprova jigbdu minn fuq l-imputat u dak il-hin lemah sikkina skura f’idejh xi hadd. Dak ix-xi hadd kien qieghed izomm is-sikkina mix-xafra u hu mar biex jigbidha u beda jghajjat biex min kien qieghed izomm is-sikkina jitlaqha. Hu umbaghad gibed is-sikkina u tefghaha fil-but ta’ wara tal-jeans tieghu u kompla jipprova jaqla lil Toni minn mal-imputat u hin minnhom Toni qabad lill-imputat u xkanah mal-art. Dak il-hin l-imputat irnexxielu jahrab u Toni mar jigri warajh. Huma grew lejn in-naha tal-Pieta u dak il-hin gew il-pulizija li bdew jigru wara Toni u Toni kien qieghed jigri wara l-imputat. Dak il-hin Borg stqarr mal-pulizija li rema s-sikkina fi sprall hdejn it-Tikams, riekeb tal-linja u wara zewg stages nizel lura fejn sar l-incident u mar ifittex ic-cwievet li kien ra mal-art qabel ma telaq minn fuq il-post. Umbaghad gabruh il-pulizija tas-CID u marru l-isptar flimkien mal-imputat, li kellu d-demm f’idejh. Stennew ftit l-isptar sa kemm bdew iddewwu lill-imputat u wara xi kwarta telaq minghajr ma

qal lil hadd. Mistoqsi fejn mar huwa wiegeb illi tela biex ippoggi l-gakketta ta' Mario id-dar u biex jara jekk isibx il-kelba. Filghaxija regghu arrestawh il-pulizija u ghamlulu tfittxija id-dar tieghu. Huwa qal illi Mario baqa ma qallux ghalfejn kellu jiltaqa ma Toni. Qal ukoll illi ma rax lil Toni jaghmel is-sikkina ma ghonq Mario u fl-ebda hin ma ra lil Toni jipprova jiehu l-gizirajjen minn ma ghonq l-imputat. Huwa qal li ma kienx jaf ta' min kienet il-vettura Cilesti. Meta l-pulizija qalu lil Borg li l-imputat kien irrapporta lill-pulizija li kien ghaddej mill-Imsida ghall-habta tal-hamsa ta' filghaxija u f'daqqa wahda gie fuqu certu Toni Mallia jghidulu l-Iswed illi ghamillu sikkina m'ghonqu u talbu l-gizirajjen ma ghonqu, Borg qal illi dan ma kienx veru u li ma kellux ideja ghal fejn l-imputat kien qieghed jigdeb. Mistoqsi jekk kienx jaf li Toni kien miftiehem mal-imputat biex jixtri b'hamsa u ghoxrin lira Maltin drogi eroina minghand l-imputat u li Toni kellu xi jghid ma l-imputat ghaliex kellu hames liri neqsin, Borg wiegeb li ma jafx xejn u li f'ebda hin ma ra xi droga waqt li kienu l-Imsida. Mistoqsi jekk jiehux droga, qal illi gieli ha. U mistoqsi jekk jafx illi l-imputat jiehu d-droga qal illi ma jafx, izda qatt ma rah jiehu d-droga. U dwar Toni l-Iswed qal illi lanqas jafu. Mistoqsi ghal x'hiex kien qieghed jirreferi Toni l-Iswed meta qal lill-imputat "Tieghili, tieghili" Borg wiegeb li ma jafx. Huwa qal illi l-imputat ma jahdimx, izda ikollu flus fuqu. Ta lill-pulizija n-numru tat-telephone tad-dar tal-imputat. Huwa cahad illi mar lura sabiex ifittex id-droga u mhux ic-cwievet. Mistoqsi ghal fejn rema is-sikkina Borg wiegeb illi ghamel hekk sabiex hadd ma iwegga biha. Mistoqsi jekk setghax ikun illi l-ferita li kellu l-imputat f'subghajh saret meta huwa gibed is-sikkina minn id xi hadd waqt li Toni u l-imputat kienu qeghdin jissarraw fejn il-vettura Borg wiegeb illi jista jkun u wiegeb ukoll illi Toni lilu ma kienx attakkah.

Illi meta xehed quddiem il-Magistrat Dr Giovanni Grixti Joseph Borg xehed illi ma kienx dispost jikkonferma l-istatement illi irrilaxxja lill-pulizija fil-komplet tieghu u ried jikkorregi partijiet minnu. Borg xehed illi f'dik il-parti fejn iddikjara li l-imputat kien qallu li kellu jiltaqa ma certu persuna Toni l-Iswed fejn l-istage ta' l-Imsida dan ma kienx minnu u dwar dak kollu li jikkoncerna din il-

konsapevolezza tieghu dwar Toni l-Iswed u l-laqgha li kellu mal-imputat dan ma kienx minnu. Borg kompla jixhed illi qabel ma kienu d-dar tal-imputat kienu qeghdin fil-Winter Bar l-Imsida. Minn hemm hekk marru d-dar ta' Mario u minn hemm hekk iddecidew li johorgu u hu stess qal lill-imputat biex imorru fil-bar li ibiegh il-pastizzi biex jixtri xi pastizzi minn hemm hekk u l-hanut jismu Muscat's Pastizzerija. Hargu bil-miexi, l-imputat kellu mieghu l-kelba u hu dak il-hin kien qieghed jimxi wara l-imputat. F'hin minnhom l-imputat inqata xi zewg passi quddiemu u malli dar il-kantuniera ra lill-imputat jissarra ma xi hadd u wara sar jaf li dan ix-xi hadd kien ragel maghruf bhala Toni l-Iswed. Borg kompla jixhed illi dak kollu illi iddeskriva fl-istqarrija tieghu dwar l-issarrar tal-imputat ma Toni l-Iswed huwa kollu minnu u xehed illi jista jghid illi kien ra lil Toni l-Iswed bis-sikkina f'idejh u dan meta fl-istqarija kien qal li ma jafx min kellu s-sikkina f'idejh. Zied jghid ukoll illi ftakar lil Toni l-Iswed jaghmel is-sikkina ma ghonq l-imputat. Borg kompla jixhed illi meta stqarr illi kien telaq minghajr ma qal lil hadd minn fejn l-isptar huwa ghamel hekk ghax kien iddejjaq wahdu. Ra li ma kienx xi kaz serju u qabad u telaq minghajr ma qal lil hadd. Dwar il-gakketta ta' Mario l-imputat qabel ma beda jiddewwa kien talbu biex jiehu l-gakketta tieghu d-dar u hu hekk ghamel u ma ra xejn hazin. Dwar il-parti ta' l-istqarrija tieghu meta kien qal lill-pulizija li ma kienx minnu li l-imputat kien ghaddej mill-Imsida ghall-habta tal-hamsa u f'daqqa wahda gie certu Toni Mallia jghidulu l-Iswed fuqu ghamillu s-sikkina ma ghonqu u talbu l-gizirana ta' ghonqu huwa qal illi dan huwa minnu u mhux kif qal fl-istqarrija tieghu li dan ma kienx minnu, pero' mhux illi Toni Mallia talab il-gizirana lill-imputat il-ghaliex hu qatt ma semgha dan id-diskors. Mistoqsi mill-Magistrat jekk kienx tkellem mal-imputat minn dakinhar li kien irrilaxxja l-istqarrija huwa wiegeb illi l-imputat kien kellmu u kien qallu irrangajtni, m'intix ragel b'dak li ghidt. U qal illi jahseb li l-imputat kien qal li xi hbieb tieghu illi huwa kien gideb dwaru. Borg xehed illi huwa qal dak li qal fl-istatement ghaliex akkost ta' kollox ried jehles mill-arrest u ma riedx jigi ittimbrat mill-pulizija bhala traffikant tad-droga. Dwar il-gakketta qal illi l-imputat ma staqsih xejn. Huwa rega' tenna li kien mar lura sabiex jipprova jsib ic-cwievet,

minkejja l-fatt illi kien inqala dak l-inkwiet kollu. Huwa ikkonferma fuq domanda tal-Magistrat li ma kienx l-imputat li baghatu ifittex ic-cwievet, jew xi haga ohra li setghet waqghet minn fuqu.

Louis Micallef irrilaxxja stqarrija lill-pulizija fis-sens illi fis-26 ta’ Frar, 1998 kien ma certu Toni Mallia maghruf bhala Toni l-Iswed. Kienu flimkien l-Imsida u inqala incident. Huwa beda billi spjega li kien ra lil Toni il-Belt ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar u dan talbu lift sa l-Imsida u hu bhala pjacir qabad u waslu fit-triq ta’ l-isptar, fejn il-hanut tal-pastizzi fejn Deo Snack Bar u dan kien ghall-habta ta’ l-erbgha ta’ wara nofsinhar. Toni kien talbu jistennih fil-karozza u wara ftit tal-hin rah gej ma xi hadd iqsar minnu li kien liebes gakketta sewda. Dawn f’daqqa u l-hin kif waslu fejn il-karozza qabdu tlewmu u hu ma jafx ghal fejn. Semgha lil Toni jghid lil iehor “Tieghili, tieghili” u l-iehor beda jghidlu “Ma nistax”. F’hin minnhom spiccaw fil-vettura fuq is-seat tal-passiggieri hdejh ghaliex Toni kien hallielu l-bieba miftuha u ra lil Toni jipprova jiehu xi haga minn id ir-ragel l-iehor. Mistoqsi jekk rax xi haga fl-id dan ir-ragel l-iehor huwa wiegeb li ralu karta tal-fidda f’idejh kbira xi pulzier. Micallef xehed li fl-ebda hin ma ra lil Toni jaghmel xi sikkina ma ghonq dan ir-ragel u lanqas ma ra lil Toni jipprova jiehu l-gizirajjen minn ma ghonq ir-ragel l-iehor. Micallef kompla jghid illi f’hin minnhom gie ragel iehor li ma kienx jaf min hu u beda jigbed lil Toni u kullhadd spicca barra mill-karozza tieghu. Dawn kollha telqu jigru lejn il-hanut ta’ Deo u ma rahomx izjed. Stenna hames minuti umbaghad qabad u telaq lil hemm. Mistoqsi jekk Toni qallux x’kien sejjer jaghmel l-Imsida wiegeb illi Toni ma kienx qallu.

Illi meta Louis Micallef xehed quddiem il-Magistrat Giovanni Grixti huwa ikkonferma l-istqarrija li huwa irrilaxxja lill-pulizija u zied jghid illi huwa minnu illi huwa ghandu vettura ta’ l-ghamla Peugeot 205 ta’ kulur Celesti.

Illi xehed PS 1360 Joseph Hersey u qal illi dakinhar in kwistjoni kien mal-Ispettur Valletta sejjer lejn l-Imsida minn naha tal-Belt. Quddiemhom kien hemm tlett vetturi, karozza tal-pulizija li kien hemm fiha l-Ispettur Logan u x-

xufier tieghu u rahom hergin jigru mill-karozza u f'daqqa wahda qasam xi hadd minn naha tal-Marina, minn naha l-ohra tat-triq u l-Ispettur Logan u x-xufier tieghu qabduh. Huma hargu mill-vettura u dak il-hin indunaw li kienet grat xi haga u waqt li bdew ikellmu lill-imputat illi kien qabad l-Ispettur Logan, l-imputat qalilhom li kien hemm bniedem faccata li saru jafu li kien certu Anthony Mallia u li dan Anthony Mallia ipprova jehodlu l-gizirana minn ma ghonqu u kien ukoll ghamillu xi sikkina ma ghonqu. Ghalhekk qasmu t-triq u arrestaw lil dan Anthony Mallia. Anthony Mallia tahom verzjoni differenti fis-sens illi l-imputat kien ser ibieghlu xi droga. Arrestawhom it-tnejn u haduhom is-CID. Saret tfittxija fuq l-imputat mill-istess Surgent Joseph Hersey illi irrizultat fin-negattiv.

Illi xehed Joseph Borg f'dawn il-proceduri. Huwa ikkonferma l-verzjoni tal-fatti illi ta meta xehed quddiem il-Magistrat Dr Giovanni Grixti. Huwa zied jghid illi huwa ra ix-xafra tas-sikkina f'idejn l-imputat u ippresuma li l-pum ta' l-istess sikkina kien f'idejn Toni. Huwa qal illi s-sikkina kienet qisa kollha imsadda. F'idejn l-imputat huwa ra d-demm, izda f'idejn ta' l-iehor huwa ma kienx cert li kien hemm xi demm. F'hin minnhom hadilhom is-sikkina u dak il-hin harab jigri ghal fejn il-Kennedy. Hemm hekk sab tappieri ta' l-ilma u tefa s-sikkina hemm hekk. Huwa xehed illi ra lill-pulizija jarrestaw kemm lill-imputat, kif ukoll lil Toni l-Iswed. Xehed illi umbaghad qabad il-kelba ta' Mario u b'xi mod wassalha d-dar ta' missier Mario. Wara mar ifittex ic-cwievet. Umbaghad gew xi pulizija fuqu li kienu mal-imputat u baqghu telghin mal-imputat l-isptar. Huwa xehed illi staqsa lill-pulizija kienx arresatat, qallulu li ma kienx arrestat. Mario talbu jehodlu l-gakketta ghand missieru u jghid lil missieru x'kien gara u peress li kien imdejjaq qabad u telaq, mar ghand missier Mario u tah il-gakketta. Huwa xehed illi lil Toni l-Iswed qatt ma kien rah qabel u xehed illi ma rax lil Toni l-Iswed jipprova jehodlu l-gizirani minn ghonqu lill-imputat. Huwa qal illi l-kelma droga ma issemmiet fl-ebda hin. Lill-imputat ilu jafu xi hames snin, darba ghamel xi xahar jorqod ghandu id-dar u dak iz-zmien kollu qatt ma ra lil Mario jittraffika d-droga. Jaf illi kienu jigu xi hbieb id-dar ta' Mario jilghabu u Mario

kien ikollu xi flus, pero’ ta’ loghob illi kien jirbah u mhux ta’ droga.

Illi xehed ukoll f’dawn il-proceduri Louis Micallef u qal illi Anthony Mallia kien talbu jaghtih lift il-Belt, anzi biex jaghtih lift l-Imsida u ghamel hekk. Toni l-Iswed kien talbu jistennih, pero’ peress illi dam biex gie huwa qabad u telaq lil hemm u ma jafx jekk kienx hemm xi glied fuq il-post. Izda wara li inqratlu l-istqarrija li ta lill-pulizija u x-xhieda li ta quddiem il-Magistrat Dr Grixti huwa ikkonferma kemm ix-xhieda li ta quddiem il-Magistrat, kif ukoll l-istqarrija tieghu u qal illi dik kienet il-verita u illi kien xehed b’dan il-mod illum peress illi kien ghadda hafna zmien u kien nesa. Mistoqsi x’kienet il-haga tal-fidda illi ra f’idejn l-imputat qal illi ma jafx x’kienet.

Illi xehed l-Ispettur Valletta fis-sens illi dakinhar in kwistjoni kien ra lil Toni l-Iswed jigri wara l-imputat, kien irnexxielu iwaqqaf lil Toni l-Iswed u qabel ma l-imputat ittiehed l-isptar kien qallu illi Mallia kien ghamillu sikkina ma ghonqu u kien ipprova wkoll jisraqlu xi gizirana tad-deheb minn ma ghonqu. Huwa sejjah ghall-ghajnuna u kien kompla bl-investigazzjoni l-Ispettur John Sacco.

Illi xehed l-Ispettur John Sacco u qal illi dikinhar in kwistjoni kien ghamel l-investigazzjonijiet tieghu u stabilixxa li wiehed mill-irgiel li kienu involuti fil-glieda kien Mario Polacco l-imputat odjern. Matul l-investigazzjoni l-imputat kien qal li kien miexi matul Qrejten Street Imsida ma habib tieghu Joseph Borg meta gie aggredit minn certu Anthony Mallia mill-Belt, maghruf bhala Toni l-Iswed. Huwa xehed illi l-imputat kien qalilhom li Mallia kien ghamillu sikkina ma ghonqu u talbu l-gizirajjen li kellu ma ghonqu. Polacco qallu li kien qabad is-sikkina ta’ Mallia mix-xafra u kien qata jdejh, pero’ irnexxielu jehodlu is-sikkina u Joseph Borg li kien vicin qabad is-sikkina u tefghaha fi sprall li kien hemm fil-vicin. Polacco u Mallia komplew jissiltu, izda Polacco fl-ahhar irnexxielu jahrab u Mallia telaq jigri warajh u f’dan il-punt il-pulizija intervjenew u arrestawhom. Polacco u Joseph Borg twasslu l-isptar San Luqa mill-pulizija u sussegwentement il-pulizija saru jafu li Borg kien mar lura d-dar ta’ Polacco

bil-gakketta li kien liebes Polacco waqt il-glieda. L-Ispettur Sacco kompla jixhed illi kienet saret tfittxija fir-residenza ta' omm l-imputat u gie stabbilit li l-gakketta tal-imputat gie mahsula immedjatament minn Omm Polacco u ghalhekk l-Ispettur Sacco xehed illi fid-dawl tac-cirkostanzi kollha s-suspett kien li l-gakketta inhaslet sabiex jitnehhew xi tracci li setgha kien hemm ta' droga. L-Ispettur Sacco kompla jixhed illi l-gakketta giet elevata u intbaghtet il-laboratorju forensiku ghall-ezamijiet, izda ma kienux instabu tracci ta' droga. L-Ispettur Sacco xehed dwar l-istatements li ha.

Illi xehed Anthony Mallia u ikkonferma dak kollu li kien qal fl-istqarrija li irrilaxxja lill-pulizija u zied jghid illi l-vettura li kien semma u cioe' dik li kien dahal jissara fiha kienet tal-ghamla Peugeot 205 tal-ghamla Celesti. Rigward il-kaz qal illi kienu ittiehdu proceduri fil-konfront tieghu li inqatghu b'mod definittiv.

L-Ufficjal Prosekutur finalment iddikjara li l-ammont ta' droga involuta kienet ta' bejn tlett kwarti ta' gramma u gramma u dan kien gie ikkonstatat minn stqarrija li ittiehdet minn Anthony Mallia, liema stqarrija giet ukoll ikkonfermata bil-gurament quddiem il-Magistrat Inkwirenti Dr Giovanni Grixti.

Ikkunsidrat :

Illi l-Prosekuzzjoni ma ressqitx l-ahjar prova u dana peress illi ma instabet l-ebda droga la fuq il-persuna ta' l-akkuzat, la fuq il-lok tal-incident u lanqas fid-dar tal-imputat. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk mexxiet il-kaz taghha fuq ix-xiehda ta' Anthony Mallia, li skond l-istess Prosekuzzjoni hija ikkollaborata mix-xhieda ta' Joseph Borg u dik ta' Louis Micallef.

Illi huwa minnu, kif irriteniet il-Prosekuzzjoni, illi meta tonqos l-ahhar prova, bhal fil-kaz odjern, il-provi l-ohra kollha, meta ikkunsidrati fl-assjem taghhom, iwasslu sabiex il-Qorti tkun moralment konvinta minghajr dubju ragonevoli mill-htija tal-imputat, u dan skond sentenza tal-

Qorti tal-Appell Kriminali tal-5 ta’ Ottubru, 1998 fl-ismijiet il-“Pulizija kontra Joseph Gauci”.

Illi din il-Qorti ezaminat ix-xhieda ta’ Joseph Borg u ta’ Louis Micallef u rat li din ix-xiehda ma tikkollaborax ix-xhieda ta’ Anthony Mallia. Mallia xehed illi dakinhar kien iltaqa b’kumbinazzjoni ma Polacco Santa Venera fl-erbgha u ghaxra ta’ wara nofsinhar u skond hu ftehmu li kellhom jiltaqghu l-Imsida fil-hamsa nieqes ghaxra. Issa dan il-fatt gie kontradett mix-xhieda l-ohrajn. Joseph Borg xehed illi ghall-habta tal-erbgha kien id-dar mal-imputat u wara hargu, marru l-Winter Bar u minn hemmhekk marru d-dar tal-imputat. Louis Micallef, habib ta’ Anthony Mallia, xehed illi ra lil Anthony Mallia il-Belt ghall-habta tat-tlieta ta’ wara nofsinhar u dana talbu “lift” sal-Imsida u huwa, bi pjacir, waslu. Dan kien f’xi l-erbgha ta’ wara nofsinhar. Ghalhekk huwa impossibbli illi Mallia setgha kien Santa Venera fl-erbgha u ghaxra ta’ wara nofsinhar, kif xehed hu.

Illi skond Micallef, Anthony Mallia qallu biex jistennih fil-karozza u wara ftit tal-hin hu rah gej ma iehor. Illi meta waslu quddiem il-karozza qabdu u tlewmu bejniethom u hu ma jafx ghalfejn. Izda, skond Mallia, l-ewwel mar fuqu Joseph Borg, staqsih kienx jimporta li s-sitt pakketti droga l-imputat jaghmilhomlu f’pakkett wiehed, Mallia qallu li ma kienx jimporta, Borg mar jghid b’dan lil Pollacco. Pollacco umbaghad ried jaqsam id-droga u igezwirha f’pakkett wiehed u jmur biha biex jiltaqa ma Mallia u ghalhekk ma jistax ikun, kif qal Micallef, li kien biss wara ftit tal-hin li Mallia nizel mill-karozza tieghu li rah gej lura ma Pollacco.

Illi wkoll Anthony Mallia qal li kif iltaqa ma Pollacco imxew lejn il-karozza ta’ Louis Micallef fejn, skond Mallia, l-imputat dahal fil-vettura biex jurih id-droga u hu baqa barra. Mallia qal ukoll illi meta informa lill-imputat li kellu hames liri anqas u Pollacco irrifjuta li jaghtihielu dahal fuqu fil-karozza u qabad jissara mieghu. Izda Louis Micallef qal car u tond li Mallia u Pollacco tlewmu l-ewwel darba huma u resqin lejn il-vettura u mhux fil-vettura tieghu. Joseph Borg qal ukoll li “inqas minn minuta wara tlajt minn fejn telghu huma u rajt lil Anthony Mallia u lill-

imputat jissaraw hdejn karozza cilesti u donnu Tony ried idahhal lil Mario fil-karozza u Mario ma riedx".

Illi wkoll irrizulta mill-provi li l-imputat u Louis Micallef ma kienux jafu lil xulxin u ghalhekk m'huwiex verosimili illi kif qal Anthony Mallia l-imputat qabad u dahal fil-karozza ta' Micallef biex juri d-droga lil Mallia.

Illi huwa ukoll inverosimili illi l-imputat kien ibiegh id-droga ghal diversi snin lil Anthony Mallia u l-istess Anthony Mallia ma jafx it-"telephone number" tal-imputat u kull darba li kien ikun irid icempillu kien irid imur Bieb il-Belt u jaqra n-numru tat-telephone tal-imputat hemmhekk fejn kien kitbu hu stess.

Illi huwa wkoll inverosimili illi Mallia kien jixtri d-droga darbtejn kull jum minghand l-imputat, ma jafx it-"telephone number" tieghu, umbaghad l-imputat jirrifjuta li ibieghlu d-droga f'okkazjoni wahda biss u dana ghaliex Mallia ma kellux il-flus ezatti, izda kellu hames liri inqas.

Illi huwa ferm inverosimili illi jkollok klijent fiss bhal dak u tirrifjuta li tbieghlu d-droga ghaliex darba biss ikollu hames liri inqas, ghaliex b'hekk tkun qieghed tirriskja li titlef klijent regolari.

Illi ghalhekk il-Qorti hawnhekk tinsab konfrontata b'konflitt ta' provi. Inoltre, l-imsemmija droga ma instabet imkien u hadd mix-xhieda, hlief ghal Anthony Mallia, ma semmew id-droga.

Illi l-pulizija lanqas ma sabu il-hamsa u hamsin lira li suppost kien ghad kellu Anthony Mallia fuqu biex jixtri d-droga biha.

Illi wkoll Anthony Mallia xehed illi hu ried id-droga ghaliex kellu l-"withdrawal symptoms" u beda jhossu ma jiflahx hafna, ma irnexxielux jiehu d-droga minghand l-imputat, izda hin minnhom raha mormija fit-triq u minkejja il-fatt illi skond hu tant kien "sick", flok ma gabarha kompla jigri wara l-imputat, fejn umbaghad inqabad mill-pulizija.

Illi mhuwiex verosimili illi jkollok persuna qeghda thossha daqshekk ma tiflahx, issib id-droga mormija fl-art u minflok jigborha u jehodha jkompli jigri wara l-imputat.

Illi Joseph Borg xehed illi ra s-sikkina f'idejn Anthony Mallia. Louis Micallef xehed illi l-imputat kellu karta tal-fidda f'idejh, izda ma specifikax izjed u fl-ebda hin u fl-ebda mument ma semma li l-imputat kellu d-droga, jew illi siehbu kien mar l-Imsida biex jixtri d-droga minghand l-imputat.

Illi ghalhekk kien biss Anthony Mallia illi xehed fis-sens illi l-imputat kien ser ibieghlu d-droga dakinhar u din ix-xhieda ta' Anthony Mallia mhijiex ikkollaborata max-xhieda l-ohrajn u lanqas ma instabet id-droga, u dana minkejja l-fatt illi Anthony Mallia a tempo vergine indika lill-pulizija l-post fejn allegatament l-imputat kien rema id-droga. Il-pulizija ikkonducew it-tfittxijiet kollha necessarji u ma instabet l-ebda droga fil-post jew fil-vicinanzi.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija il-Qorti, filwaqt illi tiddikjara li l-Prosekuzzjoni ma irnexxilhiex tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni, qeghda tiddikjara lill-imputat <u>mhux hati</u> ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u kwindi qeghda tilliberah minn kull imputazzjoni htija u piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM-------------------------------